31990R0837

3.4.1990 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 88/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 837/90
tas-26 ta' Marzu 1990
dwar informazzjoni ta' l-istatistika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar produzzjoni ta' ċereali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq taċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 201/90 [2],

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1806/89 [4],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [5],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [6],

Billi, sabiex twettaq ix-xogħolijiet imposti fuqha mit-Trattat u mir-Regolamenti li jikkonċernaw il-Politika Agrikola Komuni, il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni valida, komparabbli u aġġornata, stabbilita b'metodi oġġettivi, dwar raba' taħt kultivazzjoni, produzzjoni u produzzjoni ta' ċereali;

Billi huwa xieraq li tiġi rrikonoxxuta l-importanza tas-settur tal-produzzjoni taċ-ċereali għall-organizzazzjoni u għall-imaniġġar tas-swieq agrikoli, li timplika l-istħarriġ ta' l-istatistika meħtieġa għandhom jiġu mwettqa dejjem aktar fuq il-bażi tar-regoli tal-Komunità;

Billi għandu jingħata każ ta' l-esperjenza li tkun inkisbet mis-servizzi ta' l-istatistika fuq dawn l-istħarriġ tul bosta snin;

Billi l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiddefinixxi l-informazzjoni ta' l-istatistika li għandha tiġi pprovduta, li jippreskrivi livell sodisfaċenti ta' validità u jistabbilixxi informazzjoni teknika addizzjonali meħtieġa għall-istima tal-figuri tal-produzzjoni, li jipprovdi għall-oġġettività u għall-kwalità rappreżentattiva ta' stħarriġ dwar raba' u produzzjoni minn skambju wiesgħa ta' esperjenza, li jinvolvi laqgħat u rapporti u sabiex jistabbilixxi l-egħluq taż-żmien li jkollhom jiġu sodisfatti;

Billi, għaċ-ċereali kollha kemm huma u għal xi tipi importanti ta' ċereali, il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni reġjonali tkun mitluba wkoll fuq bażi annwali;

Billi huwa xieraq li l-Kummissjoni tissottometti rapport wara tliet snin ta' esperjenza f'dan ir-Regolament, flimkien ma' jekk ikun neċessarju, proposti għat-titjib ta' stħarriġ ta' l-istatistika u billi l-Kummissjoni għandha tikkonsidra il-viabilità ta' *survey* Komunitarju armonizzat wara l-1992;

Billi hemm il-ħtieġa li jitkejjel l-ammont tal-fondi tal-Komunità li jkun meħtieġ sabiex din il-miżura tiġi implementata; billi dan l-ammont huwa skond il-perspettiva finanzjarja li tidher fil-Ftehim Interistituzzjonali tad-29 ta' Ġunju 1988 dwar dixxiplina li jkollha x'taqsam mal-*budget* u titjib tal-proċedura li jkollha x'taqsam mal-*budget* [7]; billi l-approssimazzjonijiet li jkunu fil-fatt disponibbli għandhom, f'konformità ma' dan il-ftehim, jiġu stabbiliti skond proċedura li jkollha x'taqsam mal-*budget*;

Billi huwa xieraq li tiġi stabbilita il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TAQSIMA I

Għanijiet

L-Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni annwali dwar iċ-ċereali kif speċifikat fl-Artikoli 2 u 6, lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, minn issa' l quddiem imsejjaħ Eurostat.

---

(1) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
(2) ĠU L 22, tas-27.1.1990, p. 7.
(3) ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
(4) ĠU L 177, ta' l-24.6.1989, p. 1.
(5) ĠU C 8, tat-13.1.1990, p. 12.
(6) L-opinjoni mogħtija fis-16 ta' Marzu 1990 (għadha mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
(7) ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 33.

IT-TAQSIMA II

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq livell nazzjonali

L-Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandhu jgħodd għaċ-ċereali mniżżla fl-Anness I.

L-Anness I jista' jiġi emendat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11.

2. Kull Stat Membru għandu jippreżenta informazzjoni annwali dwar is-segwenti:

— raba' taħt kultivazzjoni (1 000 et),

— produzzjoni medja (100 kg/et) u

— produzzjoni maħsuda (1 000 tunnellata),

għal kull grupp ta' ċereali kif speċifikat fl-Anness II u għal kull ċereal fi grupp 7 ta' dak l-Anness, li l-produzzjoni tiegħu taqbeż il-50 000 tunellata fis-sena.

L-Anness II jista' jiġi emendat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11.

3. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom idaħħlu informazzjoni dwar il-kontenut medju ta' ilma ([1]), imniżżel bhala persentaġġ, f'konnessjoni ma' l-informazzjoni msemmija fit-tieni u t-tielet indenti ta' l-ewwel sotto-paragrafu tal-paragrafu 2.

IT-TAQSIMA III

Metodi, speċifikazzjonijiet

L-Artikolu 3

1. Għal kull ċereal li hemm riferenza għalih fl-Anness I fl-Istat Membru li fih, il-produzzjoni annwali taqbeż il-50 000 tunellata, informazzjoni dwar ir-raba' taħt kultivazzjoni, l-ammont ta' produzzjoni u l-produzzjoni għandha tiġi miksuba minn stħarriġ ta' l-istatistika, li jieħdu l-forma ta' ċensiment jew ta' stħarriġb'kampjuni rappreżentattivi.

2. Dawn l-istħarriġgħandhom jitmexxew b'metodi li jkunu statistikament rikonoxxuti u li jissodisfaw l-eżiġenzi fil-kwalità, fl-oġġettività u fil-validità kif imfissra f'din it-taqsima.

3. Sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' din it-taqsima, jista' jintlaħaq ftehim għal arranġamenti transizzjonali għal wieħed jew iktar mill-Istati Membri, skond l-Artikolu 8(3).

L-Artikolu 4

1. Fil-każ ta' sħarriġ b'kampjuni fuq raba' taħt kultivazzjoni, il-kampjuni għandhom jiġu mfassla sabiex ikunu rappreżentattivi ta' mill-anqas 95 % tar-raba totali taħt kultivazzjoni biċ-ċereali.

Dawn il-figuri tar-raba' għandhom ikunu kkumplimentati bi stima li torbot fuq informazzjoni minn sorsi oħra u li jkollha x'taqsam mal-bqija tar-raba biċ-ċereali.

2. L-istħarriġ b'kampjuni fuq raba għandhom ikunu mfassla sabiex l-iżball standard għar-raba' totali taħt kultivazzjoni biċ-ċereali f'kull Stat Membru individwali ma jaqbiżx l-akbar bejn 1 % ta' dak ir-raba jew 5 000 ettaru.

L-Artikolu 5

1. Fil-każ ta' stħarriġ b'kampjuni fuq ammont ta' ħsad jew produzzjoni, il-kampjuni għandhom ikunu mfasla sabiex l-iżball standard għat-total tal-produzzjoni taċ-ċereali ma jaqbiżx l-akbar bejn 2 % tal-produzzjoni totali jew 50 000 tunellata.

2. Flimkien mal-ħtiġiet ta' produzzjoni totali ta' ċereali fil-paragrafu 1, għal kull ċereal imsemmi fl-Anness I li l-produzzjoni tiegħu fl-Istati Membri taqbeż il-livell minimu stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-iżball standard għall-produzzjoni taċ-ċereali m'għandux jaqbeż l-akbar bejn 5 % ta' dik il-produzzjoni jew 20 000 tunellata.

IT-TAQSIMA IV

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fuq livell reġjonali

L-Artikolu 6

Informazzjoni annwali dwar ir-raba' taħt kultivazzjoni, ammont ta' ħsadd u produzzjoni u kontenut ta' ilma għandha tingħata lill-Eurostat fuq il-livelli reġjonali ddefiniti fl-Anness III.

L-Anness III jista' jiġi emendat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11.

Din l-informazzjoni reġjonali għandha tiġi pprovduta għal ċereali totali, minbarra għar-ross, u għall-qamħ komuni, qamħ *durum*, segala, xgħir, u qamħirrun.

L-Istati Membri għandhom jindikaw dawk il-figuri reġjonali li jkollhom persentaġġ eċċezzjonalment għoli ta' żbalji tipiċi.

IT-TAQSIMA V

Għeluq taż-żmien, skambju ta' esperjenza u arranġamenti transizzjonali

L-Artikolu 7

1. Is-sena kalendarja li fiha jsir il-ħsad għandha minn issa 'l quddiem tissejjaħ "is-sena ta' ħsad".

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Eurostat bl-informazzjoni nazzjonali proviżorja dwar ir-raba' taħt kultivazzjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena ta' ħsad. Informazzjoni finali dwar ir-raba taħt kultivazzjoni għandha tiġi tingħata mhux aktar tard mill-1 ta' April ta' wara s-sena ta' ħsad.

3. Stimi inizjali ta' produzzjoni nazzjonali u figuri ta' produzzjoni għandhom jingħataw mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena ta' ħsad. Informazzjoni proviżorja dwar prodotti u produzzjoni għandha tingħata mhux aktar tard mill-1 ta' Frar u il-figuri finali mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru ta' wara s-sena ta' ħsad.

([1]) Għall-proċedura li għandha tkun segwita sabiex ikun magħruf il-kontenut ta' ilma, ara l-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1908/84, (ĠU L 178, tal-5.7.1984, p. 22), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2507/87 (ĠU L 235, ta' l-20.8.1987, p. 10). Metodi oħra ta' approssimazzjoni huma permessi.

Jekk il-figuri ta' l-ammont ta' produzzjoni u tal-produzzjoni jirreferu għal informazzjoni ta' raba' irreveduta, dan ta' l-aħħar għandu jingħata wkoll.

4. L-informazjoni reġjonali li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 6 għandha tingħata fl-istess żmien tal-figuri finali fuq livell nazzjonali u tkun konsistenti magħhom.

L-Artikolu 8

1. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport iddettaljat u metodoloġiku lill-Eurostat li jiddeskrivi kif tkun miksuba l-informazzjoni dwar ir-raba' taħt kultivazzjoni, ammont ta' produzzjoni u produzzjoni għall-pajjiżi u, fejn ikun addattat, reġjuni tagħhom u jindikaw ir-rappreżentanza u l-validità ta' dawn il-figuri. Eurostat, b'kollaborazzjoni ma l-Istati Membri, għandha tagħmel ġabra fil-qosor ta' dawn ir-rapporti.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Eurostat bi kwalunkwe tibdiliet fl-informazzjoni mogħtija fil-paragrafu 1 fi żmien tliet xhur mill-introduzzjoni tagħhom.

3. Fil-każ li ċerti rapporti metodoloġiċi juru li Stat Membru ma jistax, fil-futur immedjat, jissodisfa l-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament u jekk ikun hemm bżonn ta' tibdil fit-teknika u l-metodoloġija tas-*survey*, l-Eurostat tista' tistabbilixxi, b'kooperazzjoni ma l-Istati Membri, perjodu ta' transizzjoni, sa mhux aktar minn sentejn, li fih għandu jintlaħaq il-programm ta' studju ta' dan ir-Regolament.

4. Rapporti metodoloġiċi, arranġamenti transizzjonali, disponibilità ta' l-informazzjoni, validità ta' l-informazzjoni, u kwistjonijiet oħra rilevanti marbuta ma' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darbtejn fis-sena fi ħdan il-grupp ta' ħidma kompetenti tal-Kumitat Permanenti dwar Statistika Agrikola.

L-Artikolu 9

1. Mhux iktar tard minn tmiem l-1992, l-Eurostat għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:
— rapport dwar l-esperjenza miksuba mill-istħarriġ ta' l-istatistika u stimi mwettqa skond dan ir-Regolament,
— jekk ikun hemm bżonn, proposti għat-titjib u armonizzazzjoni ta' l-arranġamenti fis-seħħ fl-Istati Membri,
— jekk ikun hemm bżonn, proposti għat-twaqqif ta' survey ieħor Komunitarju *ad hoc* li juża metodi u karatteristiċi armonizzati.

2. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq il-proposti li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat.

IT-TAQSIMA VI

Arranġamenti finanzjarji

L-Artikolu 10

1. L-ammont ta' nfieq tal-Komunità li jkun meqjus neċessarju sabiex tiġi implimentata l-miżura maħruġa b'dan ir-Regolament għandu jkun ta' 3 200 000 ECU għall-perjodu 1990 sa l-1993, u għandu jinkludi l-infieq li jkollu x'jaqsam ma' riżorsi għal sena waħda ta' persuna (awżiljari, espert nazzjonali innominat, eċċ.).

2. L-awtorità dwar il-*budget* għandha tistabbilixxi l-approprjazzjonijiet disponibbli għal kull perjodu ta' rendikont.

IT-TAQSIMA VII

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 11

1. Fejn għandha tiġi segwita l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, il-President għandu jirreferi l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola, minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", jew fuq l-inizzjattiva tiegħu jew fuq it-talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu lill-Kumitat. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan l-abbozz f'limitu ta' żmien li jista' jiġi stabbilit mill-president skond l-urġenza tal-każ. Għandu jaġixxi fuq maġġoranza ta' 54 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri mqassma skond kif stabbilit fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president ma jistax jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri proposti meta jkunu bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Meta l-miżuri proposti ma jaqblux ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew fin-nuqqas ta' kwalunkwe opinjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta li jkollha x'taqsam mal-miżuri li jkollhom jittieħdu, lill-Kunsill mingħajr dewmien. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni mill-Kunsill wara tliet xhur minn meta jkollu proposta ippreżentata lilu, il-miżuri proposti għandhom jiġu addottati mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ tliet ijiem wara il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Marzu 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

M. O'KENNEDY

L-ANNESS I

ĊEREALI LI HEMM RIFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 2(1)

ĊEREALI (minbarra r-ross)

1. Qamħ komuni (*Triticum aestivum* L. *emend*. Fiori et Paol.)
2. Qamħ *durum* (*Triticum durum* Desf.)
3. Segala (*Secale cereale* L.)
4. Xgħir (*Hordeum vulgare* L.)
5. Ħafur (*Avena sativa* L.)
6. Qamħirrun (*Zea mays* L.)
7. Ċereali mhux speċifikati x'imkien ieħor

7.1. Maslin

7.2. Sorgu (*Sorghum bicolor* (L.) Moench × *Sorghum Sudanense* (Piper) Stapf.)

7.3. *Triticale* (× *Triticosecale Wittm*.)

7.4. Qarambоċċ (*Panicum miliaceum*)

7.5. Qamħ saraċin (*Fagopyrum esculentum*)

7.6. Milju (*Phalaris canariensis* L.)

7.7. Qmuħ imħallat minbarra il-maslin

7.8. Qamħirrun imħallat (*Zea mays* L.)

8. ROSS

8.1. Ross — tal-qalba tonda (*Oryza sativa* L.)

8.2. Ross — tal-qalba medja (*Oryza sativa* L.)

8.3. Ross — tal-qalba twila (*Oryza sativa* L.)

L-ANNESS II

GRUPPI TA' ĊEREALI LI HEMM RIFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 2(2)

(lista għall-għoti ta' informazzjoni)

Pajjiż: ..... *Sena ta' ħsad:* .....

	RABA'		AMMONT TA' ĦSAD U PRODUZZJONI			
	Raba' taħt kultivazzjoni	Data tas-survey	Ħsad	Produzzjoni maħżuna	Kontenut medju ta' umdità	Data tas-survey
	1 000 ett		100 kg/ett	1 000 tunnellata	%	
ĊEREALI TOTALI (minbarra r-ross)						
1. Qamħ komuni 2. Qamħ durum 3. Għalf 4. Xgħir 5. Ħafur 6. Qamħarrun 7. Ċereali mhux speċifikat imkien ieħor						
8. ROSS						
8.1. Qamħ tal-qalba tonda 8.2. Qamħ tal-qalba medja 8.3. Qamħ tal-qalba twila						

L-ANNESS III

LIVELLI REĠJONALI LI HEMM RIFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 6

Stati Membri	Tqassim regjonali skond
Belgique België	Provinces Provincies
Danmark	—
BD Deutschland	Bundesländer
Ελλάδα	Υπηρεσίες περιφερειακής ανάπτυξης (1)
Espana	Comunidades autonomas
France	Regions de programme
Ireland	—
Italia	Regioni (2)
Lussemburgu	—
Nederland	Provincies
Portugal	NUTS II (1)
United Kingdom	Standard regions

NUTS = Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika

(1) Informazzjoni reġjonali għandha tiġi pprovduta mhux iktar tard minn tliet snin minn meta dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ.

(2) Fuq perjodu ta' sentejn wara li dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ, ir-reġjuni Taljani jistgħu jkunu raggruppati skond NUTS I